**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 28 ta' Ottubru 2019.**

**Rikors nru: 397/2019 AGV**

**AB ( ID nru: 213676M )**
**Vs**
**CD (ID nru: 544473M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors AB **( ID nru: 213676M)** fejn ippermettiet u talbet is-segwenti ;

1. Illi hi izzewwget lil-intimat CD nhar it- 23 ta' Mejju 1998, fil-Knisja Arcipretali ta' Santa Marija, Mosta, liema zwieg gie rregistrat fir-registru pubbliku bin-numru 733/1998, u dana kif irrizulta minn kopja tac-certifkat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A;
2. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-seperazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni li kien gie ppubblikat min-Nutar Dr. Francesca Micallef Sammut fl- 10 ta'

Mejju 2018, kopja fotostatika qieghda tigi hawn anness u mmarkata bhala Dok B;

3. Illi l-partijiet minn daz-zwieg irrinzunzjaw reciprokament mid-dritt li jitolbu u jottjenu manteniment fil-konfront ta' xulxin;
4. Illi mill-imsemmi zwieg, l-istess partijiet kellhom zewgt itfal bl-isem ta' ED u F, u l-istess ulied qed jircevu manteniment adegwat fil-konfront taghhom u li ghal finijiet u effetti kollha tal-Ligi, kwalsiasi obbligi ta' manteniment, gew effetivament regolati fl-istess Kuntratt ta' firda personali, ippubblikat u kosnegwentament, ma tezisti ebda kwistjoni f' dar-rigward.
5. Illi r-rikorrenti iddiskutiet mal-konsulent legali taghha, hawn sottomofirmat , il-possibilita' ta rikonciljazzjoni taz-zwieg odjern, u kkonkludiet li ma hemm ebda prosett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni;
6. Illi ghalkemm fl-istess kuntratt ta' seperazzjoni, senjatament fi klawsola numu 35, il-partijiet iddikjaraw li huma ilhom de facto separati minn Settemnru 2017, ir-rikorrenti tirrileva li fil-fatt l-istess partijiet ilhom de facto separati minn Settembru 2015, kif ser jigi spjegat fil-mori tal-proceduri odjerni u ghalhekk illum il-gurnata ghaddew aktar minn 4 snin, mid-data ta' separazzjoni, de facto, tal-kontendenti partijiet;
7. Illi in vista, ta' dak premess, jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mil-Ligi, ghall-hall taz-zwieg odjern u ghad-divorzju tal-partijiet.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti AB, umilment titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qori, joghgobha,

1. Tiddikjara iz-zwieg odjern mahlul u sussegwentament, tippronunznja li l-partijiet huma divorzjati ghall-effetti kollha tal-Ligi.
2. Tordna lir-registratur tal-Qrati, sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, bid-

divorzju, u l-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Il-Qorti rat ir-risposta tal-intimat CD, fejn  espona bir-rispett ;

1. Illi l-esponenti jikkontendi illi l-partijiet ilhom 4 snin separati u li bejniethom ma hemm l-ebda cans ta' rikonciljazzjoni;
2. Illi effetivament, l-esponent jaqbel ukoll illi bhala stat ta 'fatt ma hemmx arretrati ta' manteniment, u ghalhekk ma ghandux oggezzjoni ghall-akkoljiment tat-talbiet rikorrenti hekk kif dedotti fir-rikors promutur;
3. Illi finalment l-esponenti jopponi ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**